



Brussell, 8 ta' Frar 2016
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonal:
2012/0011 (COD)

5455/16
ADD 1

DATAPROTECT 3
JAI 44
MI 27
DIGIT 2
DAPIX 13
FREMP 5
COMIX 39
CODEC 55

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill

lil: Kunsill

Nru. dok. preċ.: 15321/15

Suġġett: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċċesar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (Regolament Ĝeneralni dwar il-Protezzjoni tad-Data) [I-ewwel qari]
- Qbil politiku
= Dikjarazzjonijiet mill-Awstrija u mill-Kummissjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu hawn taħt id-dikjarazzjonijiet li d-delegazzjoni Awstrijaka u l-Kummissjoni rispettivament jixtiequ jinkludu fil-minuti tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2016 li jadotta l-qbil politiku dwar il-proposta msemmija hawn fuq.

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka:

L-Awstrija minn dejjem approvat tikkontribwixxi għal Regolament li jħares id-drittijiet fundamentali iż-żda li jqis ukoll l-interessi tan-negożju, b'mod li r-riżultat ikun fattibbli fil-prattika.

Instabet soluzzjoni xierqa għal bosta problemi. Madankollu, sfortunatament, fil-fehma tagħna ċerti kwistjonijiet importanti baqgħu ma ġewx solvuti.

Fost l-oħrajn, it-test ta' kompromess finali ma jirmexxilux jiprovdi approċċ konsistenti rigward l-interazzjoni bejn il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop kif stabbilit fl-Artikolu 5 paragrafu 1 subparagrafu b b'rabta mar-rekwiżit ta' bażi legali skont l-Artikolu 6 paragrafu 1, minn naħħa, u t-“test tal-kompatibbiltà” skont l-Artikolu 6 paragrafu 3a min-naħħa l-oħra. B'hekk, l-operabbiltà prattika tal-Artikoli 5 u 6 fl-intier tagħhom hija dubjużha.

Barra minn dan, l-Awstrija għadha tal-fehma li l-impożizzjoni tal-oneru tal-provi fuq is-suġġett tad-data kif previst fl-Artikolu 6 paragrafu 1 subparagrafu tmur kontra kemm l-iskop ta' protezzjoni tar-Regolament kif ukoll dak tal-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Fin-Nota tagħha lit-3396 Kunsill (DS 1384/15) l-Awstrija semmiet kwistjonijiet ewlenin oħra li kien jeħtieġ li jiġu solvuti. Sabiex tīgi evitata r-ripetizzjoni, l-Awstrija tirreferi għall-punti 2 sa 7 u 10 ta' din in-nota, li għadhom validi.

Għalhekk, meta jitqies kollox, l-Awstrija jiddispjaċiha li mhijiex f'pożizzjoni li tapprova t-test ta' kompromess finali kif propost.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni:

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li saret bidla għall-proposta inizjali tagħha permezz tat-ħassir tal-premessi 136, 137 u 138 relatati mal-acquis ta' Schengen. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li, b'mod partikolari rigward il-viżi, il-kontroll tal-fruntieri u r-ritorn, ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data jikkostitwixxi żvilupp tal-acquis ta' Schengen għall-erba' Stati assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' dan l-acquis.
